MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1193/2001/1

**Anna Scerri f'isimha proprju u f'isem uliedha minuri Krystie u Roberta**

**vs**

**Noel Scerri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm236.50), dovut ghall-manteniment ghax-xahar ta' Awissu, 2001, a bazi tal-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn l-attrici u l-konvenut, liema manteniment kellu jithallas fl-ewwel ta' Settembru, 2001;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-26 t'Ottubru, 2001, fejn intqal:**
**i. Illi l-proceduri adottati mill-attrici huma rregolari peress illi l-istess attrici qed tiehu passi a bazi ta' kuntratt li fih innifsu huwa titolu ezekuttiv;**
**ii. Illi bla pregudizzju ghas-succepit u fil-meritu, il-manteniment mitlub mhuwiex dovut peress illi l-konvenut ma kienx qed jahdem f'Awissu, 2001, u kwindi ma kellux flus minn mnejn seta' jhallas il-manteniment in kwistjoni;**
**iii. Illi di piu` u minhabba f'hekk, il-konvenut in kwistjoni m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;**

**Bl-ispejjez kontra l-attrici ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fid-19 ta' Gunju, 2002, fejn intqal:**
**a. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja minnu sollevati, jeccepixxi l-inkompetenza rationae materiae ta' dan it-Tribunal skond il-Ligi (Art.3);**
**b. Illi bla pregudizzju u fil-meritu, l-meritu tal-kaz hu esawrit peress li l-manteniment mitlub gja thallas stante li skond l-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, dan jithallas kull xahar bil-quddiem. B'hekk il-manteniment ghax-xahar ta' Awissu thallas f'Lulju, 2001;**
**Slavi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Calleja Urry, Adrian Attard, Anna Scerri u Noel Scerri. Ra l-affidavit ta' Anna Scerri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din id-decizjoni hija limitata ghall-eccezzjoni ulterjuri sollevata dwar il-kompetenza o meno ta' dan it-Tribunal "Rationae Materiae".**
**2. It-Tribunal jirrileva li dak li qed titlob l-attrici jinkwadra ruhu perfettament taht l-Artikolu 3 ta' l-Att V ta' l-1995, ossija talba ghall-hlas ta' flus. Ma hemm**

**ebda raguni l-ghala dan it-Tribunal m'ghandux jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz.**

**Ghaldaqstant qed jichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata dwar in-nuqqas ta' kompetenza, u jordna li l-prosegwiment tal-kawza fil-meritu. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**